



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8627/20

DEVGEN 73
ACP 43
RELEX 421
FIN 342

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	5 ta' Ġunju 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8307/20	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 25/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-Kwalità tad-data fil-qasam tal-appoġġ baġitarju - Konklużjonijiet tal-Kunsill (5 ta' Ġunju 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 25/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-Kwalità tad-data fil-qasam tal-appoġġ baġitarju, approvati permezz ta' proċedura bil-miktub fil-5 ta' Ġunju 2020.

Rapport Speċjali Nru 25/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-Kwalità tad-data fil-qasam tal-appoġġ baġitarju

Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Il-Kunsill jilqa' r-Rapport Speċjali Nru 25/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-kwalità tad-data fil-qasam tal-appoġġ baġitarju.¹ L-Unjoni Ewropea, kemm permezz tal-baġit tal-UE kif ukoll permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, hija l-akbar fornitur globali ta' appoġġ baġitarju, b'kontribuzzjoni totali medja ta' EUR 1.7 biljun li minnha jibbenefikaw 90 pajjiż u territorju kull sena. Is-sehem ta' appoġġ baġitarju f'impenji tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) tal-istituzzjonijiet tal-UE kien 11.45 % għall-perijodu 2014-2017.
2. Il-Kunsill itenni l-impenn qawwi tal-UE għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp u l-prinċipji ta' effettività tal-iżvilupp. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-appoġġ baġitarju huwa modalità ta' għajnuna orjentata lejn ir-riżultati, li tista' tintuża biex jissaħħu s-sħubija, id-djalogu politiku u ta' politika, is-sens ta' sjieda tal-pajjiżi u l-ġarr ta' responsabbiltà reċiproka u biex tiżdied il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi sħab f'setturi ewlenin permezz ta' azzjoni kkoordinata u koerenti.
3. Il-Kunsill jenfasizza li l-fergħat varjabbli tal-appoġġ baġitarju, ibbażati fuq indikaturi tal-prestazzjoni maqbula b'mod konġunt, jistgħu jipprovdu inċentivi lill-pajjiżi sħab biex itejbu l-prestazzjoni tagħhom fl-implimentazzjoni ta' riformi ta' politika iżda wkoll jirrikonoxxi l-importanza li tiġi żgurata prevedibbiltà ta' finanzjament adegwata permezz ta' fergħat fissi. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' bilanċ xieraq f'dan ir-rigward. Il-Kunsill jinnota li fl-2017, 44 % tal-pagamenti li saru mill-Kummissjoni għal kuntratti ta' appoġġ baġitarju kienu relatati ma' fergħat varjabbli.

¹ [SR19_25/SR_Budget_support_data](#)

4. Il-Kunsill jilqa' s-sejbiet tar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri u r-rispons dettaljat tal-Kummissjoni. Il-Kunsill huwa kuntent li l-indikaturi użati biex jiġi żborżat l-appoġġ baġitarju tqiesu li huma konsistenti mal-istrateġiji settorjali tal-pajjiżi sħab u ġeneralment ipprovdew l-effett ta' inċentiv intenzjonat. Barra minn hekk, il-Kunsill jinnota l-osservazzjonijiet tal-Qorti li t-tfassil tal-indikaturi tal-fergħat varjabbli dgħajjef ir-rilevanza tagħhom u li l-kwalità tal-verifikazzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni rigward l-ilħuq tal-indikaturi kienet tvarja u wasslet biex xi pagamenti ma kinux iġġustifikati biżżejjed.
5. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u jappella lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha biex jittejbu t-tfassil, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju. B'mod partikolari, jappella lill-Kummissjoni biex:
- Iżżid l-użu u l-kwalità tal-indikaturi tal-eżitu f'fergħat varjabbli, filwaqt li tqis id-diskussjonijiet dwar l-indikaturi mal-pajjiżi sħab u donaturi oħra ta' appoġġ baġitarju, sabiex jitkejlu aħjar ir-riżultati fuq perijodu ta' żmien itwal, filwaqt li jiġi mmonitorjat il-progress biex jinkisbu l-SDGs, fil-qafas tal-pjanijiet ta' żvilupp nazzjonali tal-pajjiżi sħab;
 - Issaħħaħ l-arranġamenti ta' kontroll tal-kwalità biex ittejjeb il-formulazzjoni ta' indikaturi tal-prestazzjoni maqbula b'mod konġunt, jiġifieri tiżgura li l-indikaturi jkunu speċifiċi u jkun jistgħu jitkejlu ma' linja bażi affidabbli;
 - Tissalvagwardja l-effett ta' inċentiv tal-fergħat varjabbli biex jingħata appoġġ favur progress sinifikanti, livelli oġġla ta' ambizzjonijiet u biex tissaħħaħ il-ġarr ta' responsabbiltà fil-pajjiżi sħab, jiġifieri taġġorna u tikkoreġi l-valuri tal-baży meta meħtieġ, u tiżgura li l-miri ma jintlaħqux esklużivament permezz tal-assistenza teknika ffinanzjata mill-UE;
 - Tissimplifika l-proċess ta' żborż għall-fergħat varjabbli, jiġifieri tnaqqas l-għadd ta' indikaturi u żżomm lura milli tuża subindikaturi, f'konformità mal-linji gwida dwar l-appoġġ baġitarju, filwaqt li tiffoka fuq il-kisba tal-oġġettivi ta' politika ewlenin tal-kuntratti ta' appoġġ baġitarju;

- Ittejjeb il-kwalità tal-valutazzjonijiet tas-sistemi statistiċi tal-pajjiżi u l-kapaċità tagħhom li jipprovdu data affidabbli dwar il-prestazzjoni użata fil-fergħat varjabbli, u tiżgura li l-valutazzjoni tinkludi konklużjoni espliċita qabel ma jitfasslu l-kuntratti. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet jenħtieġ li jakkumpanja l-appoġġ baġitarju jekk dan ikun iġġustifikat mill-valutazzjoni.
 - Ittejjeb il-verifika tad-data dwar il-prestazzjoni użata biex jiġu żborżati l-fergħat varjabbli u taqbel minn qabel dwar il-mezzi ta' verifika mas-sieħeb.
6. Il-Kunsill jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Qorti tal-Awdituri fil-perijodu ta' żmien propost, jiġifieri sa tmiem l-2021. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tirrapporta lura lill-Kunsill fi żmien sena dwar il-passi li jkunu ttieħdu għal dan il-għan u biex tintegra t-tagħlimiet meħuda fi programmi futuri ta' appoġġ baġitarju.
 7. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza ta' approċċ komuni tal-UE orjentat lejn ir-riżultati li jiffavorixxi rappurtar tar-riżultati armonizzat fil-livell tal-pajjiż sħab, inkluż permezz ta' oqfsa tar-riżultati tal-pajjiż sħab, fejn jeżistu. Huwa jħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi aktar l-użu ta' oqfsa tar-riżultati konġunti u taħdem mal-Istati Membri biex jittejbu l-armonizzazzjoni u l-allinjament mal-politiki u l-istrateġiji tal-pajjiżi sħab, b'mod partikolari biex jitkejlu r-riżultati tal-iżvilupp fil-livell tal-pajjiż.
 8. Il-Kunsill ifaħħar lill-Kummissjoni għar-rapporti annwali informattivi tagħha dwar l-appoġġ baġitarju, li jagħtu stampa ġenerali ċara tal-użu tal-istrument f'sena partikolari. Madankollu, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tagħmel aktar sforzi biex iżżid it-trasparenza tal-istrument billi tipprovdi aktar informazzjoni dwar it-tendenzi tal-prestazzjoni tal-fergħat varjabbli u dawk tal-prestazzjoni pluriennali, kif xieraq. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tħeġġeġ aktar lill-pajjiżi sħab biex jaqsmu d-data dwar il-prestazzjoni pluriennali fis-setturi rilevanti appoġġati permezz ta' programmi ta' appoġġ baġitarju.
 9. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-inklużjoni ta' komponent għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet f'operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju, fejn meħtieġ. Il-Kunsill huwa tal-fehma li l-UE u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jżidu l-isforzi biex isaħħu l-kapaċitajiet statistiċi u s-sistemi ta' monitoraġġ tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u biex jikkontribwixxu sabiex tiżdied id-disponibbiltà ta' data ta' kwalità għolja, f'waqtha u affidabbli dwar il-progress fl-iżvilupp.

10. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tapprofondixxi r-riċerka tagħha dwar l-indikaturi tal-eżitu.
 11. Il-Kunsill jenfasizza l-hteġa li l-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Istati Membri jkomplu jtejbu b'mod sostanzjali l-għbir u l-użu sistematiċi ta' data diżaggregata skont is-sess u l-età u indikaturi sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru fl-identifikazzjoni, l-ippjanar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-proċessi kollha fl-azzjoni esterna tal-UE, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi.
-